MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 1011/2002/1

**Anna Faniello**

**v.**

**Kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella Flores LL.D u l-PL Veronica Rossignaud, biex jirraprezentaw lill-assenti Vincenzo sive Enzo Faniello,**

**cittadin Taljan, residenti aktarx l-Istati Uniti, u dana b'digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, nhar it-28 ta' Frar 2002, kif debitament nominati u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2004 Fabrizio Faniello assuma l-atti tal-assenti missieru Vincenzo Faniello minflok il-kuraturi deputati**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici li permezz taghha ppremettiet:

"… … li l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Settembru 1979, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal u cjoe Fabrizio fis-27 t'April 1981, Claudia fil-25 ta' Frar 1988 u Miriana fl-4 ta' Jannar 1993; li l-kura u kustodja effettiva tal-minuri hija f'idejn l-attrici mindu l-konvenut abbanduna lill-attrici u lill-minuri u mar l-Amerika; illi l-konvenut kiser id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi l-attrici bdiet proceduri diversi drabi izda hafret lill-konvenut sabiex tipprova ssalva z-zwieg u li l-hajja mizzewga tkissret irrimedjabbilment; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li l-konvenut jghid ghaliex din Qorti m'ghandhiex:

"1. tiddikjara li dan iz-zwieg li sehh nhar it-8 ta' Settembru 1979 fil-Parrocca ta' San Gorg gewwa Hal Qormi,tkisser irremidjabilment minghajr ebda tama' ta' rikonciljazzjoni b'tort unikament tal-konvenut kif rapprezentat;

"2. Dan t-tifrik irremidjabbli sar mill-konenut Vincenzo Faniella bi vjolazzjoni ta' Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kodici Civili – Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"3. B'rizultat ta' dan l-attrici ghandha tibbenefika fil-konfront tal-konvenut mill-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 (1) u (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, specjalment illi hija m'ghandhiex titlef id-dritt ghal retta limentari gusta u skont il-Ligi;

"4. L-effetti ta' l-Artikolu 35 tal-Kodici Civili ghandhom ikunu applikabbli a favur l-attrici, fis-sens illi mid-data tas-sentenza definittiva, l-attrici jkollha l-jedd li ma tibqax issegwi l-obbligi naxxenti miz-zwieg, li tkun tista' tghix hajjitha minghajr indhil u ebda htiega ta' xi forma ta' x'awtorizazzjoni min-naha l-ohra u minghajr ebda obbligu ta' koabitazzjoni;

"5. L-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Claudia ta' 14-il sena u Miriana ta' 9 snin ghandhom jigu konfermati f'idejn l-attrici, salv kwalsiasi provvediment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti u tordna;

"6. Il-konvenut ghandu jigi ordnat u obbligat li jivversa retta alimentari lill-minuri skont il-kundizzjonijiet socjali tieghu, u b'mod retroattiv considerando li ilu ma jivversa xi forma ta' alimenti lill-uliedu minuri tul dawn l-ahhar tlett (3) snin u cioe` minn mindu Miriana kellha hames (5) snin u nofs u Claudia ghaxar snin u nofs, fatt li ikkaguna tbatija kbira mhux biss lill-minuri imma daqstant lill-attrici ommhom;

"7. Id-dar konjugali li tinsab fi Triq id-Dragun, gewwa Hal Qormi, maghrufa bl-isem ta' "Casa Faniello", ghandha tigi assenjata in toto lill-attrici biex tikkunpensha ghas-snin kollha li hija ma inghat ebda forma ta' manteniment da part ital-konvenut, u anke a bazi tal-kontenut kollu ta' Artikolu 55A tal-Kodici Civili, sub-artikolu (1) sa sub-artikolu (7) tal-Kap 16 tal-Ligijiiet ta' Malta;

"8. Ghandha tigi likwidata l-Komunjoni ta' l-Akkwisti bejn il-kontendenti konjugi Faniello b' konsiderazzjoni partikolari ghal kontenut ta' Artikolu 48 tal-Kodici Civili, u specjalment fir-rigward tar-residenza attwali ta' l-attrici li tinsab fi Triq l-Istamnar, bl-isem ta' "Lomond Flats", appartament numru 1, fil-Qawra limit ta' San Pawl il-Bahar medhud il-flat li f'dan l-appartament, l-attrici fil-mument ta' lintavolar ta' din il-kawza gia ilha tirresjedi hemm kwazi 8 snin;

"9. Ghandhom ikunu applikati fid-diskrezzjoni tal-Qorti dawk l-Artikoli tal-Kodici Civili li l-Qorti ghandha sethgat li tenforzahom, bhal per ezempju Artikoli 50, 51 u 53 tal-Kodici Civili;

"10. Ghandu jkun konfermat a bazi ta' Artikolu 60 tal-Kap 16 li d-dritt ta' successjoni bejn il-konjugi kontendenti ghandu jintilef minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi specjalment ta' ulied il-kontendenti;

"11. L-attrici tibqa' zzomm il-kunjom ta' zewgha li wara 23 sena ta' zwieg ma tixtieqx li b'xi mod tfixkel l-istabilita` ta' l-isem tal-familja li issa uliedha gew stabbiliti fih, ossia Faniello;

"12. Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha li tipprovdi l-Ligi biex jigu salvagwardati l-interessi attrici, u dana anke fejn tidhol registrazzjoni ufficjali tas-sentenza u atti ohra biex tkun maghrufa l-istatus il-gdid li tkun ottjeniet l-attrici bil-firda legali minn mal-konvenut zewgha;

"13. L-attrici m'ghandha tbati ebda forma ta' spejjez legali, la' gudizzjarji u lanqas extra-gudizzjarji li ghandhom jigu sopportati mill-konvenut zewgha, specjalment dawk fejn jidhlu dawk il-Kuraturi Deputati;

> "Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji kontra l-konvenut jew ir-rapprezentatnti tieghu minn issa jigu ingunti in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fejn eccepew illi huma ma humiex edotti bil-fatti u allura irrizervaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn:

> "… … jattribwixxi t-tort tal-firda unikament lill-attrici; li it-talbiet numru 2, 3, 5, 6, 7 u 9 ghandhom jigu michuda b'dan li id-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam f'ishma ugwali; ma joggezzjonax ghall-likwidazzjoni tal-akkwisit dimenti ssir b'mod ugwali; salv eccezzjonijiet ohra[1];"

Rat ir-rapport tal-Programm Hidma Socjali, l-Agenzija Appogg u tas-*social worker* Salvina Frendo Cumbo;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-25 ta' Ottubru 2013;

[1] Fol. 66 u 67 tal-process.

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

"Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Settembru 1979, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal u cjoe Fabrizio fis-27 ta'April 1981, Claudia fil-25 ta' Frar 1988 u Miriana fl-4 ta' Jannar 1993.

*"Verzjoni Attrici*

"L-attrici tghid li hija ltaqet mal-konvenut meta kien ghad biss kellha 16-il sena, wara gherusija ta' sena u sebgha xhur huma zzewgu, il-konvenut kien jahdem f'diversi postijiet u hija dejjem segwitu, kienu jghixu l-Italja u anke ghamlu 4 snin jghixu t-Turkija izda hija wriet ix-xewqa li jistabillixxu residenza fissa f'Malta. Hija tatribwixxi l-bidu ta' l-inkwiet matrimonjali taghhom ghal fatt li ghalkemm l-attrici giet tghix Malta, l-konvenut xorta kien ikun imsiefer hafna fuq xoghol u hija kienet dejjem tkun wahedha.

"Fl-1995, l-attrici tghid li huma dehru l-Qorti sabiex jinbdew il-proceduri ta' separazzjoni, fl-1997 ippruvaw jirrikonciljaw izda dan ma sehhx peress li hija ma hassitx li dan setgha jsir, il-proceduri ta' separazzjoni kienu waqqghu peress li kien ghadda hafna zmien. Inoltre, l-attrici tispjega li l-partijiet isseparaw de facto fl-1994 u marru jghixu separatament, hija l-Qawra filwaqt li l-konvenut baqgha fid-dar f'Hal Qormi, kien hemm xi zmien li l-konvenut mar jghix maghha l-Qawra izda wara 1998 huma regghu sseparaw[2]. Fis-27 ta' Frar 2001[3], l-attrici tghid li l-konvenut telaq l-Amerika sabiex jghix ma' haddiehor u ma kellhiex aktar ahbaru. Hija sosstni fix-xhieda taghha tas-27 ta' Marzu 2003 li fl-ahhar tlett snin u nofs il-konvenut m'ghaddhiex manteniment lill-attrici.

"L-attrici tichad li hija ghandha tendenzi omosesswali, hija tghid li ma kinitx torqod ma' zewgha minhabba li kien il-konvenut stess li ma riedx jorqod maghha. Hija tallega li l-konvenut kien juri films pornografici lill-binhom minuri Fabrizio u li kien jinhasel mat-tifla minuri taghha, jorqod maghha fl-istess sodda u jghafasa mieghu u t-tifla kienet tiddejjaq b'dan. L-attrici ssemmi wkoll li meta

[2] Vol. 2, fol. 286 tal-process.
[3] Vol. 1, fol. 11 tal-process.

l-konvenut mar jahdem il-Kenya huwa gie lura b'marda veneria u wahhal fiha li kien hadha minn ghandha mentri l-attrici ssostni li dan ma setax kien minnu peress li ma' kellhomx relazzjonijiet intimi f'dak iz-zmien. Ghalhekk, l-attrici tghid li l-konvenut ha dina l-marda minn relazzjoni ma' mara ohra.

*"Verzjoni Konvenut*

"Il-konvenut jghid li minhabba x-xoghol tieghu huwa kien kostrett ikun f'pajjizi differenti bhal Libja, il-Kenja, it-Turkija u l-Italja, ghalhekk il-partijiet mhux dejjem kienu flimkien barra mill-fatt li ghexu f'pajjizi differenti bhall-Italja u t-Turkija barra Malta. Huwa jsostni li l-attrici dejjem kellha l-liberta` taghha u kienet taghmel hbieb malajr kull fejn kienet izda wara xi zmien hija riedet bil-fors tigi lura Malta, wara sar jaf li dan kien minhabba relazzjoni li l-attrici kellha ma' mara ohra.

"Il-konvenut jallega li l-attrici kellha tendenzi omosesswali u kellha relazzjonijiet ma' nisa ohra, huwa jsemmi zewg relazzjonijiet twal li kienu ma' certu Phylisienne Brincat u ma' Anna Calleja. Il-konvenut jghid li Anna Calleja gieli raqdet fl-istess dar u flimkien ma' l-attrici meta kien hemm anke hu stess. Isemmi wkoll incident li nqala bejn binhom Fabrizio u t-tifel ta' Anna Calleja, Franco u kif l-attrici haditha kontra binha stess.

"Illi gie wkoll allegat mill-konvenut li l-attrici kellha "*problemi relatati ma' xorb kif ukoll il-fatt li l-mara kienet fizikament vjolenti fil-konfront tieghi u fil-konfront tat-tfal*"[4], jghid ukoll li l-attrici kienet tixrob id-dar izda wkoll f'bars peress li kienet tohrog spiss u ddum barra, gieli wkoll harget f'nofs ta' lejl. Huwa jkompli jispjega kif kien jigi mhedded anke minn Anna Calleja. "*...il-mara tant kienet saret aggressiva li hija kienet anke' tipprovokani sabiex nerfa' idejja fuqha u anke' sahansitra taghtini daqqiet sabiex tipprovokani. F'okkazjonijiet ohra kienet tkisser affarjiet gewwa d-dar u xi drabi kient ukoll gidmitni*"[5].

"Il-konvenut isostni li huwa dejjem ipprova jsalva l-familja izda wasal fi stat li kellu jitlaq minn Malta u dan ghal gid ta' wliedu sabiex isib xoghol ahjar, dan oltre l-fatt li ma felahx ghal aktar umiljazzjoni minn martu u incidenti varji li minhabba f'hekk anke sahhet il-konvenut jghid li bdiet tmur lura.

[4] Vol. 1, fol. 114 tal-process.
[5] Vol. 1, fol. 115 tal-process.

*"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, l-verzjoni tal-konvenut fir-rigward ta' l-ingurja gravi u tendenzi omoseswali ta' l-attrici huma korraborati minn xhieda ohra bhal dik ta' Philisianne Brincat fejn tghid "*Din l-intimita li jien kien jkolli f'aktar minn okkazzjoni wahda ma' Anna Faniello, sehhew, kif gia ghidt, xi tlett snin ilu, jew fuqhom. Anzi qabel tlett snin ilu, jigifieri cirka erbgha jew hames snin ilu*"[6]. Din ix-xhieda nghatat fl-20 ta' Lulju 1995, ghalhekk ix-xhud qieghda tirreferi ghas-sena 1990 jew 1991 meta bdiet ir-relazzjoni taghha ma' l-attrici. Inoltre, Salvu Lewis jghid li kien ra lill-attrici u lil Phylissianne Brincat jitbewsu[7] u binhom minuri ta' 14-il sena kien ukoll xehed li ra lill-attrici ommu tbus lil Anna Calleja, "*rajthom lil Anna Calleja u lil ommi, jitbewsu b'mod li jiena ma nikkunsidrax li zewgt ihbieb jitbewsu b'dak il-mod*"[8]. Dan barra mill-fatt li mix-xhieda pprodotti jidher li l-attrici kienet torqod fl-istess kamra ma' Anna Calleja fid-dar tal-partijiet waqt li l-membri l-ohra tal-familja kienu jorqdu fi kmamar ohra.

"Filwaqt li l-allegazzjonijiet tal-attrici fic-citazzjoni taghha ma gewx ippruvati. L-anqas ma jirrizulta l-abbandun fit-termini ta' l-Artikolu 41 tal-Kap. 16 stante li skont l-attrici l-konvenut telaq fis-27 ta' Frar 2001 filwaqt li l-proceduri odjern nbdew fis-6 ta' Settembru 2002, u ghalhekk jonqos ir-rekwizit tat-terminu ta' sentejn preskritt mill-artikolu precitat.

"Illi dan iz-zwieg gie dikjarat xolt permezz ta' sentenza ta' divorzju tas-7 ta' Mejju 1992 u cjoe d-data meta konvenut ottjena sentenza ta' divorzju mill-Family Division 11th Judicial Circuit, Miami-Dade County, Florida.

"Dan permess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrevokabbilment, tort esklussivament minhabba r-relazzjonijiet extra-matrimonjali tal-attrici ma' iktar minn persuna wahda ta' l-istess sess. Ghalhekk jikkonfigura fil-konfront tal-attrici l-ingurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40.

---

[6] Rikors Nru 641R/95NA allegat ma' dina l-kawza b'digriet tat-28 ta' Gunju 2004, fol. 21.
[7] Rikors Nru 641R/95NA allegat ma' dina l-kawza b'digriet tat-28 ta' Gunju 2004, fol. 24.
[8] Rikors Nru 641R/95NA allegat ma' dina l-kawza b'digriet tat-28 ta' Gunju 2004, fol. 28 u 29.

"Dan il-komportament abuziv da parti ta' l-attrici fil-konfront ta' zewgha u wlieda jattira ex lege l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16, u dan b' effett mill-1 ta' Lulju 1991[9].

**"Kura u Kustodja**

"Illi llum it-tlett ulied tal-partijiet huma lkoll maggjorenni u ghalhekk it-talba m'ghadhiex aktar rilevanti.

**"Manteniment**

"Illi l-attrici rrendiet ruhha hatja ingurja gravi mill-1 ta' Lulju 1991 u ghalhekk iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand il-konvenut li,minn naha tieghu, ma' talabx manteniment ghalih minghand l-attrici.

"Illi l-attrici sosstni li l-arretrati ta' manteniment jibdew minn Gunju tas-sena 2000 skont l-ahhar nota ta' pretensjonijiet taghha stess[10]. Il-konvenut fin-nota responsiva tieghu[11] jghid li huwa fil-fatt telaq minn Malta fl-2000 u li "*ghall-ewwel sentejn kellu problema biex isib xoghol u ghalhekk ma setghax jibghat il-flus mensilment. Pero` kif kien ikollu xi haga tal-flus dejjem ra kif jghamel u jaghti l-kontribut tieghu ghall-familja*"[12]. Illi ma giex ippruvat li di fatti huwa ghadda manteniment jew il-*quantum* tal-kontribut li huwa ta.

"Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi:-

"Fl-ewwel lok, tistabilixxi li ulied il-partijiet ghalqu l-eta` maggiorenni u cjoe ta' 18-il sena, Fabrizio fis-27 ta' April 1999, Claudia fil-25 ta' Frar 2006 u Miriana fl-4 ta' Jannar 1993. Ghalhekk fir-rigward tat-tifel Fabrizio, l-ebda manteniment ma huwa dovut.

---

[9] U cjoe meta bdiet ir-relazzjoni ma' Philisianne Brincat.
[10] Vol. 1, fol. 143 tal-process.
[11] Vol. 1, fol. 154 et seq. tal-process.
[12] Vol. 1, fol. 155 tal-process.

"Fit-tieni lok, tornda li l-arretrati fir-rigward taz-zewg ulied l-ohra jammontaw ghas-segwenti:-

**"Claudia**

"Ghalkemm Claudia ghalqet it-18-il sena fl-2006, permezz ta' digriet datat 30 t'Awwissu 2002 gie provizorjament ordnat li titlaq mid-dar ta' l-attrici u tmur tghix ma' huha Fabrizio, dan gie kkonfermat permezz tad-digriet tat-30 ta' Settembru 2002[13] Ghalhekk l-arretrati dovuti mill-konvenut lill-attrici huma ghall-ammont ta' €120 fix-xahar inkluzi l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni bil-mod segwenti:-

| | |
|---|---|
| "Gunju 2000 sa Dicembru 2000 (7 xhur) | = € 840 |
| "Jannar 2001 sa Dicembru 2001 (12-il xahar) | = €1,440 |
| "Jannar 2002 sa Awissu 2002 (8 xhur) | = € 960 |
| "Total | = €3,240 |

**"Miriana**

"Il-Qorti tordna li l-manteniment qed jigi ffisat ghas-somma ta' €120 fix-xahar ghall-perijodu bejn Gunju 2000 sa' l-eta` maggjorenni liema somma tinkludi wkoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u ghalhekk l-arretrati qeghdin jigu likwidati bil-mod segwenti:-

| | |
|---|---|
| "Gunju 2000 sa Dicembru 2000 (7 xhur) | = € 840 |
| "Mis-sena 2001 sa 2010 (108 xhur) | = €12,960 |

[13] Rikors ta' Fabrizio Faniello vs Anna Faniello, allegat ma' kawza Citaz. Nru 1011/02 b'digriet tas-17 ta' Frar 2005.

“Total = €13,800

“Ghalhekk it-total ta’ arretrati ta’ manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici huwa ghall-ammont ta’ €17,040.

**“Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

*“Likwidazzjoni*

“Illi z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat xolta skond is-sentenza ta’ divorzju 7 ta’ Mejju 1992 mill-Family Division 11th Judicial Circuit, Miami-Dade County, Florida u ghalhekk il-Komunjoni ta’ l-Akkwisti giet itterminata b’effett minn dik id-data u dan ai termini ta’ l-Artikolu 1319 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“[1] Id-dar Casa Faniello, Triq id-Dragun, Qormi diga` mbieghet mill-partijiet u r-rikavat gie maqsum bejn l-istess partijiet;

“[2] L-appartament”Lomond”, Flat 1, Stamnar Road, Qawra ghalkemm gie akkwistat mill-partijiet wara d-data li gie xolt iz-zwieg, huma t-tnejn dehru fuq il-kuntratt ta’ xiri u ghalhekk qieghed jigi likwidat bi ftehim bejn iz-zewg partijiet. Illi skont l-istima pprezentata mill-attrici datata 19 t’April 2003[14] dina l-propjeta giet ivvalutat Lm36,000 ekwivalenti ghal €83,857.44 filwaqt li l-konvenut ipprezenta stima fit-3 ta’ Novembru 2005 li tammonta ghal Lm52,000 ekwivalenti ghal €121,127.42. Illi tenut kont tal-fatt li din hija stima li tirrisali ghal tmien snin ilu u hemm differenza ta’ sentejn bejn iz-zewg stimi, il-Qorti tordna li dan l-appartament ghandu jinbiegh fis-suq hieles ghal mhux anqas minn €121,127.42 fi zmien sena mill-llum. Jekk kemm-il darba din il-propjeta` ma tinbieghx fi zmien sena, dan il-bejgh ghandu jsir permezz ta’ subbasta ai termini tal-Ligi. Il-partijiet ghandhom jaqsmu r-rikavat f’sehem ugwali u mis-sehem tar-ragel ghandhom jitnaqqsu l-arretrati ta’ manteniment hawn aktar `il fuq indikati u cjoe l-ammont ta’ €17,040 li ghandu jghaddi lill-attrici.

[14] Vol. 1, fol. 191 tal-process.

"[3] Illi fil-kaz tal-kontenstazzjoni tad-dejn li hemm jigi deciz dan li gej:-

"(i) is-self ta' Lm15,700[15] fl-ewwel lok ma giex sufficentement ippruvat tant li ma ngabux anqas l-ismijiet tal-persuni li gie allegat li selfu dawn il-flus lill-attrici, fit-tieni lok ma jidhirx li l-attrici qeghda tinsisti fuq dan il-punt.

"(ii) fir-rigward tal-garanzija li l-konvenut ta ghal somma ta' aktar minn Lm36,000 u li hemm kawza f'dan is-sens [Citaz Nru 20/03] fejn l-attrici ssostni li hija qatt ma tat l-awtorizzazzjoni taghha jew iffirmat ghal dan, il-Qorti tirrizerva l-gudizzju ghall-proceduri appoziti.

"[4] Illi fir-rigward tal-propjeta` fi Florida fl-Istati Uniti dan jidher li giet akkwistata mill-konvenut wara d-data li gie pprununzjat ix-xoljiment taz-zwieg permezz ta' divorzju u ghalhekk din ma tifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

**"Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

"1 tilqa' t-talba ghas-separazzjoni personali bi htija esklussivament ta' l-attrici;

"2 tichad it-tieni talba;

"3 tichad it-tielet talba u tapplika ta' l-Artikolu 48 fl-intier tieghu kontra l-tess attrici;

"4 tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tar-raba' talba stante l-fatt li z-zwieg gie xolt permezz ta' sentenza ta' divorzju;

[15] Vol. 2, fol. 209 tal-process.

“5 tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante l-fatt li ulied il-partijiet illum huma maggjorenni;

“6 tilqa’ s-sitt talba, limitatament u tit-termini, fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

“7 tilqa’ is-seba u t-tmien talbiet, limitatament billi tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti kienet giet xjolta fis-7 ta’ Mejju 1992, u li din tigi issa likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“8 tilqa’ id-disa’ talba skond dak deciz fit-tielet talba;

“9 tichad l-ghaxar talba;

“10 tilqa’ l-hdax il-talba;

“11 tilqa’ t-tnax il-talba;

“12 tichad it-tlettax il-talba;

“L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attrici.”

Rat id-digriet tas-6 ta’ Mejju 2013 moghti mill-istess Qorti fejn saru s-segwenti korrezzjonijiet fis-sentenza:

“1. Fil-pagna numru 10 tas-sentenza, is-sena 1993 ghandha tigi sostitwita bis-sena ‘2011’;

> “2. Fil-pagna numru 10 tas-sentenza, il-figura u l-kliem (108 xhur) ghandhom jigu sostitwiti fis-segwenti: ‘(120 xhur)’;
>
> “3. Fil-pagna numru 10 tas-sentenza, il-figura €12,960 ghandha tigi sostitwita bil-figura ‘€14,400’;
>
> “4. Fil-pagna numru 11 tas-sentenza, il-figura €13,800 ghandha tigi sostitwita bil-figura ’15,240’;
>
> “5. Fil-pagna numru 11 tas-sentenza, il-figura €17,040 kull fejn tirrikorri, ghandha tigi sostitwita bil-figura ‘€18,480’.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza msemmija billi tilqa’ l-aggravji taghha;

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenut li permezz tieghu talab li s-sentenza kif korretta tigi konfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

**Aggravji tal-Attrici**

Illi **l-ewwel aggravju** huwa dwar il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi tattribwixxi lill-attrici appellant it-tort ghat-tifrik taz-zwieg. Dan ghaliex skont l-appellanti, il-Qorti kien messha waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien hati ta' adulterju u abbandun. Hija ssostni wkoll li gabet bizzejjed provi li l-appellat kien hati ta' agir abbuziv lejha illi jikkostitwixxi sevizzi, eccessi, mohqrija u ingurji gravi fil-konfront taghha.

Din il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-appellat kien hati ta' abbandun fil-konfront taghha. L-appellat mhux talli abbanduna d-dar matrimonjali izda addirittura telaq minn Malta ghal kollox u halla lill-uliedu warajh minghajr ebda konsiderazzjoni ghalihom jekk mhux ghal martu minhabba c-cirkostanzi li dwarhom il-Qorti titkellem aktar 'il quddiem.

Jirrizulta kif sewwa rrimarkat l-appellanti fir-rikors tal-appell. Illi *ex admissis* (fol. 154 tal-process) il-konvenut telaq fis-sena 2000, kwindi aktar minn sentejn (Artikolu 41 tal-Kap. 16) qabel bdew il-proceduri u ghadu jghix barra minn Malta sal-lum. Huwa ottjena divorzju fl-Istati Uniti u rega' zzewweg u jirrizulta wkoll illi iddivorzja anke lit-tieni mara tieghu. L-appellat ma jistax igib bhala raguni tajba ghal abbandun tieghu l-attegjament tal-appellanti; ghalkemm kif se jidher aktar 'il quddiem fis-sentenza hija kellha t-tortijiet

taghha izda xorta wahda, dan zgur ma kienx jiggustifika l-abbandun ta’ uliedu u mhux allura kawza gusta ghall-abbandun tieghu skont il-ligi (**Jane Cordina v. Dr Albert V. Grech nomine** deciza mill-Prim’Awla fil-11 ta’ Jannar 1965). Stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tezamina jekk kienx hemm addebiti ohra li gew pruvati fir-rigward tal-appellat.

Din il-konkluzjoni pero` ma jfissirx li din il-Qorti se takkolla r-responsabilita` ghat-tifrik taz-zwieg kollha lill-konvenut. Il-Qorti taqbel mal-apprezzament tal-provi illi ghamlet l-ewwel Qorti u cioe` li l-appellata nnifisha kienet hatja ta’ ingurji gravi meta kellha relazzjonijiet omosesswali mal-persuni msemmija fis-sentenza. Huwa evidenti li n-nuqqasijiet tal-partijiet huma gravi u allura din il-Qorti se tattribwixxi lill-partijiet l-istess tort ghat-tifrik taz-zwieg. Dan kollu naturalment ikun ukoll rifless fid-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

**It-tieni aggravju** huwa li l-Qorti kienet zbaljata meta applikat fil-konfront tal-attrici l-estremi tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u kwindi d-dekadenza tad-dritt taghha li tircievi l-alimenti. Dan l-artiklu jghid hekk:

> “**48.** (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –
>
> “a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

"b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

"ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għallfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

"d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artiklu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament.

Artikolu 51 u 52 jghidu:

"**51**. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin flartikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.

"**52**. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ- ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il wiehed u l–ohra jkunu htija ta' eghmil li jaghti lok ghal-firda."

Din il-Qorti allura ghandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax il-provvedimenti tal-Artikolu 48 jew le. Fic-cirkostanzi tal-kaz fejn l-appellanti kienet hatja ta' ingurji gravi simili hafna jekk mhux ekwivalenti ghal adulterju, il-Qorti jidrilha li ghandha tapplika hi ukoll dan l-artiklu u tiddikjara li l-appellanti ddekadiet mid-dritt ghall-alimenti. Ghalhekk l-aggravju relattiv huwa michud.

**Il-tielet aggravju** jirrigwardja l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Dan l-aggravju jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti qieset is-sentenza tad-divorzju bejn il-partijiet mill-Qorti ta' Florida bhala applikabbli mid-data illi inghatat u allura l-proprjeta` akkwistata mill-appellat fi Florida stess, ma gietx ikkunsidrata bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti, billi l-akkwist sar wara dik id-data. L-appellanti thoss li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet saret mhux fl-2002 meta d-divorzju inghata mill-Qorti ta' Florida izda mill-2008 u cioe` minn meta dik is-sentenza giet registrata Malta. Dan ghaliex l-Artikolu 1319 tal-Kodici Civili jghid li l-komunjoni tal-akkwisti tintemm *malli jinhall iz-zwieg*.

Huwa minnu illi fis-sentenza citata mill-appellanti **Anthony Mizzi v. Carmen Mizzi** (26 ta' Gunju 2003) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili applikat id-data tar-registrazzjoni tad-divorzju bhala d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni. Dan

pero` ghamlitu minghajr wisq deliberazzjoni fir-rigward u donna haditu kif jinghad l-ingliz, ‘*for granted’*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Lucia Mamo v. Anthony Mamo** (28 ta’ April 1998) din il-Qorti qalet li *“din ir registrazzjoni kienet biss tissigilla l-kostatazzjoni li dawn il-gudikati jissodisfaw l-Artikolu 21* (illum 33) *tal-Ligi taz-Zwieg”.* Din is-sentenza fil-fatt tghid li dan isir biex jigi sodisfatt l-Artikolu 295 tal-Kodici Civili li jghid li kull sentenza jew decizjoni li tannulla zwieg jew tolqot l-istat li jkun mahluq minnu ghandha hekk tigi registrata permezz ta’ annotazzjoni fuq l-att taz-zwieg, fuq talba ta’ kull persuna. L-Artikolu 33 tal-Kap. 255 jghid:

> ***“33****. Deċiżjoni ta’ qorti barranija dwar l-istat ta’ persuna miżżewġa jew li tolqot dak l-istat għandha tkun rikonoxxuta għall finijiet kollha ta’ liġi f’Malta jekk id-deċiżjoni tingħata minn qorti kompetenti tal-pajjiż li fih xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti tkun domiċiljata jew li tiegħu xi waħda minn dawk il-partijiet tkun ċittadin.”*

Ghalhekk dan ghal din il-Qorti jfisser li fil-fatt dik is-sentenza jkollha s-sahha legali taghha minn dakinhar illi tigi pronunzjata, bhal kull sentenza ohra. **Trabucchi** fit-trattat tieghu fuq il-Kodici Civili taljan, f’paragrafu 149 jghid; *“tutti gli effetti della sentenza di divorzio sia quelli personali sia quelli patrimoniali si producono* ***inter partes*** *... dal momento del suo passaggio in giudicato, mentre l’ annotazione attiene unicamente agli effetti* ***erga omnes****.”* L-appellanti mhijiex tikkontesta s-sentenza ‘per se’ izda biss id-data tal-

applikabilita` taghha izda din il-Qorti ghar-ragunijiet moghtija ma taqbilx mal-interpretazzjoni li qed taghti hi.

Oltre dan, din il-Qorti zzid li anke kieku jkollha taghti ragun lill-appellanti f'dan ir-rigward, l-istess Qorti ma tarax kif tista' tapplika l-ligi ta' Malta fir-rigward ta' proprjeta` li tinsab barra minn Malta, fis-sens li huwa maghruf illi fir-rigward tal-immobbli tapplika normalment il-*lex situs* (ara per ezempju s-sentenzi **Soprunovskaja v. Bartolo noe**, 18 ta' Ottubru 2012 u **Xerri v. Sladden noe** 5 ta' Ottubru 2011, **Lanzon v. Cassar Galea nomine** 19 ta' Gunju 1951 – kollha tal-Prim'Awla u aktar dettaljatament **Margaret Attard v. Dr Ian Spiteri Bailey nomine,** 29 ta' April 2004 Qorti tal-Appell ) u f'dan il-kaz ma hemmx dubju li skont il-*lex situs* il-partijiet kienu **gia` divorzjati** meta sar l-akkwist. Ghalhekk il-proprjeta` fi Florida tappartjeni biss lill-appellat ghax il-komunjoni kienet gia` terminata, kif korrettement qalet l-ewwel Qorti, u allura dan l-aggravju huwa respint.

## Decizjoni

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu limitatament u dan billi filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanti giet dikjarata responsabbli unikament ghat-tifrik taz-zwieg u tiddikjara l-partijiet indaqs hatja fir-rigward; izda **tikkonferma s-sentenza appellata kif korretta** fil-partijiet l-

ohra kollha taghha hlief ghal kap tal-ispejjez; l-ispejjez kollha tal-kawza sija tal-ewwel grad u sija tal-appell jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------